# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil ġimgħa il Cbira u il ġimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Dirrettur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, il 15 TA APRIL, 1913. Nru. 61.



## PIETRU PACE

GĦALL GRAZZJA T'ALLA U TAL CNISJA MKADDSA
ARCI-ISKOF TA RODI U ISKOF TA MALTA
SUGGETT BISS LEJN LI STESS PAPA
U TAL IMKADDES SINJUR TAGĦNA PIJU GĦAXRA
PRELAT DOMESTICU
ECC. ECC. ECC.

*Aħûa Għeżież u Ulied l'actar maħbuba,*

F'novembru li għadda, il għadu ta cull gid irnexxielu iħabbel moħħ żeûġ Sacerdoti ta din id-Djocesi, li, billi għadhom żagħżaħ u it-tnejn għaddeû l'aħjar snin ta ħajjithom ġeûûa il Cunvent, m'humiex imġarrbin; u għalhecc xejn ma sabuha tkila li jakgħu fl'actar ħtija cbira contra l'Imkaddsa Religjon tagħna, jiġifieri jakalbu minnha.

Dan il fatt icreħ, li chien ilu bosta snin ma jiġri f'din il Gżira, nicchet bir-ragjun l'insara collha u iżjed minn cull kalb oħra nicchet il Kalbna, għad li l'imġiba tal ûieħed u tal ieħor chienet ġagħlitna inûiddbuhom actar minn darba u conna lkajnihom fil Cleru Tagħna biex ma nħalluhomx jakalbu mill'Ordni u mir-Religjon, chif is-Sacerdot Giuseppi Maûrin, b'ûiċċu collu u bosta drabi, chien heddidna li hu chellu jagħmel.

Imma, b'dan collu, Aħna conna nittamaû li, mita tcun birdet l'eûûel faûra u icun għadda xi żmien minn fukhom, il ûieħed u l'ieħor jagħmlu il għakal: l'actar billi Maûrin raġa ġiè malajr pajjiżna. U imħabba f'hecc Aħna għamilna cull-ma stajna biex narġgħu niġbdu il dan fil merħla tagħna,fil-ûakt li inkas ma tlaktna il sieħbu, li baka msiefer. Iżda la dan u la dac, ngħiduħ b'għokla cbira, ma iridu jisimgħu is-sejħa Tagħna, anzi Maûrin kiegħed issa saħansitra ixandar tagħlim contra il Fidi tagħna, seûûa bil fomm u seûûa b'li stampa.

Mela, la mar fix-xejn is-sabar collu Tagħna, Aħna inħossu id-dmir li nxandru Magħcom, Aħûa Għeżież u Ulied l'actar maħbuba, daûn iż-żeûġ t'aħûa mitlufa, is-Sacerdot Giuseppi Maûrin u is-Sacerdot Ġanni Falzun, billi inûiddbucom li huma it-tnejn scumnicati sa minn dac il jum li kalbu għal-collox mis-Sacerdozju u mir-Religjon (chif tûissi il bolla *Apostolicae Sedis*, fl'eûûel cap); u għal hecc ħadd ma jista jisma cliemhom, jeû jakra l'ittri, il carti u il chitba taħħom, jeû jieħu cotba minn għandhom, jeû jagħmilha maħħom b'cull xorta oħra, bla ma jaka f'li stess piena—ħlief jecc icun, b'imħabba nisranija, biex jiccunvertihom.

Frattant, nitolbu ll'Alla għal daûn iż-żeûġ imsiechen, biex il ħniena tiegħu tirbaħħom, bħalma rebaħ u jirbaħ dejjem bosta għedeûûa tiegħu; u hecc mill'actar fìs jiġi miġbur dan li scandlu u icollna ix-xorti li narġgħu inħaddnuhom ma Kalbna niedma u sogħbiena.

Il Kalb Imkaddsa ta Gesù tatina din il grazzja! U, biex titolbuha bil ħrara, Aħna natucom bil kalb il Barca Pasturali Tagħna.

Mil Palazz Tagħna tal Belt, fit-2 t'April, 1913.

† P. ARCI-ISKOF, ISKOF TA MALTA.
Sacerdot P. Vella Mangion,
*Cancillier.*

## L-ART ICCUNSIDRATA FIHA NFISHA U FIN-NISEL TAGĦHA IĠĠAGĦALNA NAGĦARFU L-ALLA BILLI TURINA L-GĦERF CBIR TIEGĦU.

(*Jissocta man-numru 60*)

L-art iccunsidrata fin-nisel tagħha turina ûisk biċ-ċar l-għerf cbir ta' min għamilha. Dan in-nisel hu tant imcattar fl-għadd minn tiegħu illi iżjed hi ħaġa faċli għan-natura illi hi tagħmlu, nchella illi l-bniedem igħoddu: *Facilius est Natura facere, quam homini recensere.* Infatti, min isib ircaptu li jgħodd il ħaxix, ix-xtieli, l-fjuri, l-frott, iż-żerriegħa u tant u tant annimali! Mhux biss ûieħed ma jistax jgħodd ûaħda b-ûaħda l-ħûejjeġ imnisslin mil-art, iżda l-ankas biss ma jista' jgħodd cull ġens tagħhom. Chien tas-seû ta' cbira kaûûa dac il-Leħen,li sejjaħ malajr mixxejn tant ħûejjeġ cbar u ta l-għaġeb li sal ġurnata tal-lum huma miżmumin kaûûija u sħaħ.

Biex naraû chemm dan in-nisel hu xhieda ta' l-għerf cbir t-Alla, mmorru issa nicconsidraû fuk fuk il ġmiel u l-grazzja tiegħu. Fih aħna tabilħakk ma nistgħux naraû ħlief dac li hu suġġett għal l-għajnejna: u ma' dan collu dana hu biż-żejjed, sabiex bih nistgħaġbu, bħalma difatti aħna nistgħaġbu, jecc nitiigħu fuk xi għolja u minn haûn naraû taħtna l-ġmiel tal baħar, li jati fl-ichal u fl-aħdar, u cotra cbira ta ħut minn ta' cull ġens iżiġġ fih. Nistgħaġbu ucoll, jecc f-idejna nieħdu xi ûarda jeû xi frotta, u niccunsidraûha tajjeb fl-għamla u fil leûn tagħha. Fl-aħħar nett, min ma jistgħaġibx bil ûerak? Min jista jgħid it-tibdil, il ġmiel u l-għamla ta daûna? Xi uħud huma ûisgħin, oħrajd huma tûal, oħrajn tondi, xi uħud huma mibrumin, oħrajn irkak, oħrajn ippizzjati fit-tarf, oħrajn rotob, oħrajn ibsin, oħrajn lixxi, oħrajn bil pil, oħrajn donnhom imgħottijin b-rita l-iżjed irkika, u collha huma msaħħin b-siltiet mhux xorta ûaħda; u ma jakblux bejniethom mhux biss fl-għamla, iżda ucoll fil-leûn ħadrani tagħhom. Oħ, għerf ta bla tmiem!

Jecc semplici ûerka hi għalina xhieda kaûûija ta' l-għerf t-Alla, chemm mela huma xhieda iżjed kaûûija ta' da' l-għerf t-Alla l-annimali minnu mgħajxin bl-acbar għaġeb? Dan aħna nuru darb'oħra f-articlu ieħor.

E. F.

## Draûûiet taghna.

### SAN GHIRGOR.

*(Jissocta fuk in-numru 60)*

Malli tidħol il procissjoni, ŭieħed mil Canonci tal Catidral joħroġ ikaddes, u il funzioni imbghad tispiċċa. Minn hemm u ftit, iż-Żejtun chien icun fiħ x'tara tas-seŭ, actar minn daż-żmien: xêna mill'isbaħ u taħlit ta nies chemm trid.

Tal kassatât ighajjtu minn banda, tal kubbajt minn oħra: u fil misraħ, ħarġa mŭejjed minsubin b'cull xorta ta frott il baħar. Kassisin, fratelli, abbatini, patrijet. rhieb, reffiegha ta li standardi u tas-slaleb, nisa u rgiel, ghônja u m'humiex, tal ibliet u tarrħula, u fost daŭn il gharajjes li tejjġu m'ilhomx—liebsin id-deheb u il ħarir(1)—cont tilmaħħom iduru l'haŭn u l'hinn, jixtru u jieclu il kubbajt u il kassatât. Imbghad, cont tilmaħ salt nies tal ingenji, ibda mil carozza tal Iskof u spiċċa fl'iżghar carettun tal burdnari li iġorru il gebel, isuku bil kajl-kajl f'nofs daŭc il potenzi ta ħlejjak, u ifittxu dlonc lil sidhom jeŭ il krabathom, chif ucoll biex jincreŭ.

Il biċċa il cbira tan-nies, iżda, min jibka iż-Żejtun u min imurlec Marsaxlocc, jeŭ Birżebbuġa, fejn il bkija tal ġurnata ighadduha fil hena u il faraġ, biex hecc itajjru ftit iċ-ċlampu.

Ħaġa ta min isemmiha: in-nies, dac innhar, taghmel ŭisk ghall kassatât; u minn cmieni, tûl il jum collu, côtra cbira ta bejjegha ġoż-Żejtun, ma tismaħħomx ħlief ighajjtu bil kassatât ma tulec ja triek.

Nghidu, issa, xi ħaġa chif bdiet din il procissjoni ta San Ghirgor.

Il ghorrief ma jakblu xejn bejniethom fuk mita u il ghala saret. Min deherlu ħaġa u min ħaseb oħra.

ABELA, fil ctieb tieghu msejjaħ *Storia ta Malta*, ighid li giet maghmula bħala ŭeghda lill San Ghirgor li, bit-talb tieghu, niesna chienu meħlusin, is-sena 1519, mil kerrieda li giet fukhom u ġarret magħha il kabar bosta nies.

CIANTAR, f'li *Storia ta Malta* mictuba minnu b'dehen cbir, ighidilna, iżda, li din il procissjoni ta San Ghirgor, misserijetna ghamluha is-sena 1400, bosta żmien kâbel il mard l'isemmi Abela.

X'uħud jaħsbu li saret krib is-sena 1429, ŭakt li Malta chienet imbluccata minn cotra sħiħa ta 18,000 Torc; iżda din m'hix ta min jemminha: la-darba il Maltin chienu imbluccati u maghlukin geŭŭa is-sŭar tal Imdina, chif setghu katt imorru iż-Żejtun u hemm jitolbu *misericordia*?

Oħrajn jifhmu li din il processjoni, misserijetna bdeŭha bħala tiżżija ta ħajr talli sfaŭ meħlusin minn ktajja cbar ta ġradiet (ġurati bħal urieżak cbar), li bihom il Gżira taghna sabet ruħha miżghuda, fejn il ħsara li ghamlu chienet tal-biża, ghax l'uċuħ irraba u in-nebbiet collu ta dic is-sena chieluhom u kaxkxuhom ghal collox, bla ma ħalleŭ inkas ħurtana ghas-sinjal.

Monsinjur Duzina, Visitatur Apostolcu, li giè iżur il Malta fi Frar tas-sena 1575, billi sâb li fuk din il procissjoni ta San Ghirgor ħadd ma sata jaf ighidlu xejn seŭŭa, ġabar l'ixieħ nies tal Gżira; u ghall mistoksijet li ghamlilhom fuk hecc, huma ŭieġbuħ illi il procissjoni saret b'ŭeghda mil Maltin collha ŭara li geŭ meħlusin mit-Toroc, ŭakt li daŭn ħarbtithom tempesta kalila, f'Marsaxlocc, u chissritilhom ix-xŭieni li minn fukhom chienu ghoddhom u collox nieżlin, biex jaħbtu ghall Malta. (1)

Hi ħaġa minnha li din il procissjoni giet maghmula b'tifchira ta xi ħelsien minn xi killa u biża cbir, u actarx saret chif chienu kalu daŭc ix-xjuħ ta ilu lill'Iskof Duzina fiż-żjajjar tieghu, is-sena 1575.

Din il procissjoni dari chienet issir fir-Randan, nhar San Ghirgor, fit-12 ta Marzu. Dan il jum chienu ghażluħ, mhux ghax it-Toroc taŭ is-salt ghall Malta dac in-nhar, iżda ghaliex, billi ir-Randan hu żmien ta penitenza, misserijetna dehrilhom illi il ŭeghda tcun maghġuba iżjed kuddiem Alla ŭakt ir-Randan. (2) U giet moħtara il ġurnata ta San Ghirgor, peress li dan il kaddis chien bdiehom hu daŭn il procissionijet li daż-żmien isiru mill'insara tad-dinja collha.

Mîn irîd icun jaf xi ħaġa aħjar fuk din il procissjoni ta San Ghirgor, li ilha issir haŭn Malta żmien cbir, ghandi ngharrfu li, fl'Archivju tal belt ta Catanja, hemm collox mictub ċar u fit-tûl.

Chif ircaptaŭ hemm documenti gheżież bħal daŭn?

Ħaġa żghira: ftit riedu biex mita aħna conna taħt il ħacma tas-Sultan ta Napli u ta Skallija, ħatfuhomlna minn taħt idejna baxx-baxx, u ġarreŭhom hemm... U mîn jaf, ja ħasra!, chemm tifchiriet gheżież oħra ta fejda cbira ghosfru u diebu hecc minn ħdân omnna il maħbuba Malta, mita niesna ta kbilna chienu ghadhom ictar tŭajjbin u fil ghâma!!

DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
*Cappillan.*

(1) Sa żmien ilu, ix-xebbiet tar-rħula taghna, mita chienu jitgharrsu, fil chitba taż-żŭieġ chienu jaghmlu li il gharus, ŭara li itejjġu, ghandu jieħu il gharusa iż-Żejtun (nhar San Ghirgor), il Belt (nhar San Ġŭann) u il Buschett (nhar l'Imnarja, fid-29 ta Ġunju).

(1) Actarx li ghalhecc imorru bil procissjoni fil cnejjes ta Santa Catrina u ta San Ghirgor, billi daŭn chienu l'ekreb cnejjes ta Marsaxlocc.

(2) X'hemm bżonn nokghod nistaħba ŭara sebghi? Daŭc li ghaxu kbilna, il biża mkaddes t'Alla chien isaltan fi klubhom ictar milli fl'insara ta daż-żmien, u ghalhecc dic chienet tcun procissjoni collha chemm hi ŭeħida ta talb, ta saŭm, ta ġabra cbira tal moħħ u tal ghôna kima li tghaxxak u thenni is-smeŭŭiet.

## Mil Brażil:

Li 10 Febbrajo 1913
Alfredo e Concetta Zarb.

Maħbubin, ommi u missieri u ħuti colla, aħna ħadna piacir bdich littra li irceveina, ax aħna u ked nakraua bil ferħ ħsibna li ked tchelmuna intom, ser narfucom daun giex versi u eidu lil famiglia taħħa colla, oħti Carmena, jena ħuc Fredu, jena ninsap ictar marid inchella fsaħti u il mara tighai Cetta min fuk il ħlas ma tistax tieħu saħħa ax il ħass ħazin ictar keda tbati bieħ u neidlec ucol li mal patrun li kied naħdem li jena ma jena iccalculat xein, aliex ma nafx nitħaddet blingua taħħom bil Brazilian u bil Portoghis ax il Portoghisi u il Brasiliani ked jakilou 7 telef culjum u jena ked naħdem pħalom u ked itini 4 telef cul jum, jena aldaksech bdin il paga li ked nakla ictar marid inchella naħdem, ma nistax ineix: biex nista ineix bed ħafna min ħueigi u issa kied inbieħ il ghodda u xuaħdadin xbiccia sejer jiġrili jech ma tamlux mezz u tiġbruli se mutu fuk xulxin bil giuħ, u iecolna dac iddud li kied nakla cul leila min sakaia u min sakai il mara: aziza oħti, aħna ninsabu imħaptin ucol li ma anniex fein nokodu, ax ninsabu fbosch gio giex cmamar kalb issriep u ħafna animali oħra, oħti kalbi issa amilli piacir mil lictar fis li tista mur and issur Tonin eidlu itich iccertificat tal ħass ħazin tal mara ax jena sejer ninzel San Paul biex icolli xnuri lil Conslu tana: oħti Carmena amlu mil laħiar li tistau jech ma tistaux tibatulna il passag collu irmediau imkar nofsu biex ech ma jibatniex Malta il Conslu forsi nigiu bnofs passag: ma andix xi neidlec ictar, itolbu lAlla alina u mil font ta kalbna u ittiefel tana Domincu insellu alicom ħafna u sellu al famiglia tighai u taħħa colla u al ħbieb tighai colla: addio addio addio.

dana l'indirizz tana { ALFREDO ZARB
Ferma Posta
Sao Paolo.

Din l'ittra, li ħallejniha chif in hi mictuba ħażin, bħalma dejjem naghmlu bl'ittri tal *Emigrati*, ma fihiex ħlief ħŭejjeġ żghar li jimpurtaħ minnhom il Poplu: imma gibniha biex ma icunx haŭn min ighid li aħna insemmghu kampiena ŭaħda.

ID-DIREZZJONI.

## Ma dûar il Gżira.

Nifirħu, b'kalbna collha, lir-Reverendu Cappillan Dun Vicenz Curmi, li mil Parroċċa ta ħad-Dingli laħak f'dic ta ħal-Lija; u ŭisk actar nifirħu lin-nies ta dan ir-Raħal, li ghamlu rebħa cbira, chif chienu jixtieku. Il Cappillan Curmi, daks chemm ħadem u isseffak ghall Cnisja ta ħad-Dingli, iħalli ŭarajħ ħasra cbira: imma in-nies ta ħal-Lija jistghu ighidu li sâbu min jista jissocta il ħidma mkaddsa ta Monsinjur Cortis.

—Nhar l'erbgha li ghaddeŭ, li chellna 9 minn april, Monsinjur Arci-Iskof ghalak *it-tnejn u tmenin sena.* Alla jatiħ ħajja tŭila, chif nixtiekulu mil kieħ ta kalbna, mhux biss ghax hu ir-Raghaj ta ruħna, imma ghax nafu mil krib chemm hu ta min jatiħ kima u chemm gid jaghmel bla ma jidher. Ghadu jaħdem b'moħħu u b'idejħ minn fil ghodu sa fil ghaxija: u jilħak ma collox, donnu ragel ta ħamsin sena, li jati suggezzjoni lil ta ma dŭaru collha biddehen, bil gherf, bil ħrara u bil bżulija.

—L'Armirall chiteb lill Monsinjur Arci-Iskof li il *Hussar* imur igib il Cardinal Legat tal Papa ghall Cungress minn Siracuża u ŭara il Cungress jarġa imur iŭasslu hemm. F'din, ghall'inkas, ma ghaddietx tal Protestanti *il boloħ!*

—L'*Universe* ta Londra, gażetta cattolica, tixtiek li, b'tifchira tal Cungress Eŭcaristicu, issir statŭa ġdida ta San Paŭl, maħduma ftit actar bis-sengha minn dic li hemm issa, fil gżejjer ta *San-Paŭl-il-baħar*: u, biex nghiduha chif inħossuha, ma ghandhiex tort sa barra. Imm'aħna nafu li ghal-issa sejjra tisseŭŭa dic li hemm, biex fil ġranet tal Cungress ma tidherx sdingata chif in hi: u din ucoll hi ħaġa seŭŭa, ghax, bla dubju xejn, bosta Cungressisti imorru fuk il post tal *Gharka ta San Paŭl*—post imkaddes u imsemmi mad-dinja collha, post imfittex saħansitra minn daŭc li m'humiex Cattolici, fejn aħna il Maltin imissna naghmlu mill'inħaŭi collha tal Gżira Pellegrinaġġ fis-sena.

—Sbieħ tas-seŭ il *Cartolini* tal Cungress li ħareġ is-Sur Cassar, l'imsemmi Fotografu ta bisŭit *San-Ġŭann*: sbieħ fid-disinn u sbieħ fix-xoghol, li sejjrin jaghmlulna unur barra minn Malta. Ghall'inkas ipattu ghal daŭc l'oħrajn li messhom jistħu ikieghduhom ghall bejħ fil vetrini! Cull-min jaf jara ghemghem fukhom, ghax jaghmlulna ghajb mal barranin li jiġu f'idejhom! Daŭc tas-Sur Cassar huma tmienja, li jaghmlu *Ġabra sabiħa*: u min irid jicsibhom, ma ghandux jitlef żmien, ghax il Cungressisti sgur l-

jaħtfuhom. Nifirħulu u nitħħu-ħajr ta daŭc li għoġbu jibghatilna.

—Xi karrejja tal *Ħabib*—actarx ghax,bona grazzja taħħom, iħobbu jaghmlulna il kalb—talbuna biex ingibu fil ħarġa ta 'llum innitfa ta poeżija li krajna, nhar il ħadd li ghadda, fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica*, ghall festa ta San Giusepp: imma ghal din iddarba ma jistax icun, ghax mghobbijin ŭisk bil poeżiji tal ħbieb taghna; u inkas il gimgha id-dieħla ma ncunu nistghu niccuntentaŭhom. Ma dan collu, ma huma sejjrin jitilfu xejn.

—Krajna fil gażetti li għoġbu jibghatilna minn Boston il ħabib taghna Levanzin—fost l'oħrajn *The Boston Journal*—li hu għoġob ŭisk u chellu applaŭsi bla tarf f'*Cunferenza* li ghamel daŭn il ġranet fuk is-*Saŭm*, fejn ŭira li 95 minn cull mit marda li ibati bihom il bniedem jistghu jitfejjku billi ŭieħed ibiddel l'ichel u isum. Il gażetti, bit-taljan u bl'ingliż, jatuħ collha l'isem ta Professur u ifaħħruħ bi cliem l'iżjed għôli. Nifirħulu u natu bil kalb din il bxara sabiħa lill ħbieb tiegħu collha.

—L'*Aħbarijet tal Cungress*—u ghandna ħafna—u fosthom minn daŭc li ma jistax icun jafhom ħlief min hu mdaħħal fil Cumitat Esecuttiv—ħallejnihom barra collha, biex natuhom il gimgha id-dieħla, fl'aħħar mument.

—Il Cnisja il ġdida tal Marsa tcun imbierca nhar is-sibt li gej, fil 5 ta ŭara nofs in-nhar, minn Monsinjur Arci-Iskof. Il Cumitat biex jistieden u jilka in-nies jinsab mghakkad hecc: Presidenti-Onurari, ir-Rev. Patri Provincjal Tomasu minn ħal Tarxien u is-Sur Laŭrenz Balbi—President, il Canonicu Dun Manŭel Pulicin, DD.—Segretarji, il Canonicu Dun Achill Refalu u is-Sur Salv Caŭchi—Membri, it-Tabib Enricu Meli, it-Tabib Cavalier Ġann-Feliċ Inglott, il Perit-Architett Ġann-Dumincu Debonu u is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi.

—Nitħħu-ħajr lid-Direttur tal Oratorju tas-Sależżjani, li għoġbu jistedinna ghall festa ta San Giusepp, (chienet ilbieraħ tl'ura) u ghall *Pranzu tal Fokra* fis-Sala tal *Juventutis Domus*. Jiddispjacina ħafna li ma stajniex immorru: imma din id-darba actarx sibna min jictbilna fukhom.

—Nitħħu-ħajr ucoll lill għażiż chittieb taghna *Dun Giużepp Farrugia* tal poeżija sabiħa lill San Giusepp, li għoġbu jibghatilna.

—Monsinjur Canonicu Lettur Dun Alfonsu Marija Ħili, Rettur tas-Seminarju u Segretarju General tal Iskof ta Għaŭdex, chitbilna: - «Nhar il Ħadd li gej (il festa tal Patrucinju ta San Giusepp), taħbat il festa tal Kaddis tieghec: ma rridx ninsa nifraħlec. Alla iżommoc kaŭŭi-sħiħ u jatic ghomor tŭil ghall gid ta cull-ħadd. Inselli ghalic u nifraħlec bil kima collha.» Mita irjus ta dic il fatta jaħsbuha hecc, ħalli iħabbat il baħar. Grazzi.

—Chitbulna li ŭieħed minn daŭc li kassmu il cotba bl'*Ingliż* u bil *Malti* contra il *Cungress Eŭcaristicu* talab biex jaghmilha ta *Gŭida* f'li stess ġranet tal *Cungress*! Tajjba din! Nifthu ghajnejna!

—L'articlu sabiħ ħafna li bghatilna is-Sur *W* fuk il *Gjubleŭ*, jaħtieġ inħalluħ ghal darb'oħra, mħabba in nukkas tal ŭisa. Frattant, *iż-Żjajjar tal Gjubleŭ* bdeŭ isiru u haŭn il Belt kieghdin ighaxxku il cull-ħadd.

—Ma niftaħrux b'rixna. Ighidu daŭc li chienu il Cnisja tal Geżŭiti, seŭŭa ghat-Tkarbina u seŭŭa ghall Kuddiesa cantata, u daŭc li geŭ iċ-Circlu fuk nofs in-nhar, chif marret l'eŭŭel festa ta San Giusepp li ghamlet l'*Unjoni Cattolica*. Aħna nghidu biss: Nitħħu-ħajr lil Alla li, bit-talb tal Kaddis taghna, farraġna ŭisk actar milli conna nistennew fir-ruħ u fil gisem.

—Fit-*Taħdita* li ghamel f'din il festa li semmejna issa, il gharef Patri Geżŭita Ŭigi Grech, li ma ghandux partiti u ma jaħdimx ħlief ghall glorja tal Kalb Imkaddsa ta Gesù u ghall gid tal fokra, kâl, kuddiem poplu sħiħ ta nies—u nies ta cull katgha, mil Monsinjuri u il Barunijet sa'l inkas ħaddiema—kâl li *il* ĦABIB *hu il contravelenu tal kari ħażin li haŭn Malta*; u kâlu BIL MALTI; u dac il Poplu collu ŭiegħbu b'applaŭs cbir. Mela, Patri Grech u dac il Poplu *jafu ucoll x'ħabib hu il* ĦABIB!

—Nhar il ħadd li gej, 20 t'april, fis-*sitta seŭŭa*, fit-Tearin tal *Unjoni Cattolica* isir il famus dramm ix-*Xŭejjaħ Capural Simon*, b'ħames atti. Min ma imurx, jaghmel ħażin u ŭara jibdielu.

## Chemm jisûa il għaKal.

Dakxejn ta mxajten tfajjel
Jitbaħrat geŭŭa ġnien,
Min ghajr mistrieħ ġo gismu,
Chien jinbex sa'd-dubbien;
Jecc biss xi ħadd iŭiddbu,
Chemm chemm ma iħebbx ghaliħ.

Fil ħin li dan l-imkarkaċ
Mal ġnien chien k'għed idur,
*Żunżana* minn kuddiemu
Ghaddiet u dlonc fuk fjur
Bil ġŭienaħ sbiħ u ilellxu
Inxteħtet biex tistriħ.

Maħlul mil ghaxka, 't-tfajjel
Il ħajra lilu giet
Li b'dac il ġmiel jitmighex;
Fil ħin hu chiecu ried,
Bla xejn ma k'għad jaħsibha,
Is-salt jatiha u ta'.

Din iżda fis żghiċċatlu,
Ħarbitlu minn ġo idejħ
U marret fuk fjur ieħor
Li chien ucoll krib lejħ;
It-tieni salt mar taha,
Kghaditlu u f'idejħ ħà.

Haŭn ħadd ma jista' ifisser
Il ħleŭŭa li ħass f'kalbu;
Il ġnien, il ŭard, is-siġar
Fis rahom f'dakka tkallbu
U tbiddlu fl-icbar hena
U f'faraġ tas-smeŭŭiet.

Gieb f'moħħu li hu chien kabad,
Mischin, minn geŭŭa 'l ġnien
Xi *duda* helŭa, sbejjħa,
Biex biha ighaddi 'ż-żmien
U magħha jokghod jilghab
Maghluk f'xi camra cŭiet.

Fil ŭakt ta da'l ferħ collu
Li chien iħoss ġo fiħ,
Il chiefra 'x-xeŭca tatu,
Bi ħruk, bi cbir ugiħ,
Li f'dakka ŭaħda nxteħet
Mitluf minn sessieħ fl-art.

Ghal-xejn is-soghba gietu
Chif raġa giè f-sessieħ;
Ghal-xejn il lfik, u il bichi,
U il kaddisin li sieħ.
Is-semm ma demmu ġera,
Cbir deni kabdu u bard!

*Mil ghakal katt ma ghandu*
*Jitbieghed dac li icun,*
*Ghaliex hecc icun ibleħ,*
*Inchella icun miġnun,*
*Li jaghma, jitlef moħħu,*
*Ghax jara flit tlellix*

Li 'd-dinja minnu tati
Biex titlef lill bniedmin,
Biex. . .lihom stess dlonc jisħtu,
Is-siegha u dac il ħin
Li fiħ il mixi jakbdu
Fiċ-ċpar u fit-tgherfix.

GIOVANNI MIFSUD BONNICI.

## L'ICHEL U IX-XORB IŻ-ŻEJJED.

(*jissocta fuk in-numru 56*)

Issa cull min ibati xi ftit bil ħaŭsla, inchella ma tantx icun irid ighabbi ŭisk li stoncu tieghu b'ichel tkil u li icun irid żmien tŭil biex ighaddi, jista iħares lejn dan li gej u jagħżel liema jogħġbu l'iżjed. B'hecc, billi ma jiecolx żejjed, jista jeħles minn ħafna tfixchil u igħaddi ħajjtu minghajr ma tant icollu bżonn ta tobba.

Dana sejjrin nghiduħ għal daŭc in-nies li icunu b'saħħithom u li icollhom il ħaŭsla f'ŭaktha.

Meta ŭieħed jiecol daŭna il ħŭejjeġ li sejjrin insemmu, li stoncu irid żmien biex igħaddihom daks dan li haŭn mictub:—

| | Siegħat u | Minuti |
|---|---|---|
| Animella ta għoġol | 2 | 11 |
| Baccaljaŭ mgħolli | 2 | 11 |
| Bajd bil butir | 2 | 16 |
| Bajd frisc bil ħalib | 3 | ,, |
| Bajd frisc imħabbat nejj | 1 | 50 |
| Bajd frisc nejj | 2 | ,, |
| Bajd frisc jebes (mgħolli) | 3 | 35 |
| *Beefsteak* (la ngliża) | 3 | ,, |
| Brodu comuni | 4 | ,, |
| Butir maħlul | 3 | 30 |
| Caboċċi | 4 | ,, |
| Ciċri niexfa | 4 | ,, |
| Coċċli nejjin | 2 | 5 |
| Coċċli moklija | 3 | 15 |
| Fażola niexfa | 4 | ,, |
| Fŭied mokli | 2 | ,, |
| Ful niexef | 4 | ,, |
| Għazz niexef u żrieraħ oħra | 4 | ,, |
| Ġobon kadim | 3 | 30 |
| Ħalib | 2 | 15 |
| Ħalib mgħolli | 1 | 40 |
| Ħaruf mixŭi | 2 | 30 |
| Ħobż tal kamħ | 3 | 30 |
| Ħobż tal kamħ-ir-rum | 3 | 15 |
| Ħobż tax-xgħir | 3 | ,, |
| Ħut mgħolli | 2 | ,, |
| Ħut mokli | 3 | 30 |
| Kalb taċ-ċanga moklija | 4 | ,, |
| Chirxa | 1 | 50 |
| Laħam immellaħ mgħolli | 4 | 15 |
| Laħam tal majjal mixŭi | 5 | ,, |
| Laħam tal majjal mgħolli | 4 | 25 |
| Laħam tal majjal stuffat | 3 | ,, |
| Laħam tal majjal immellaħ nejj | 3 | ,, |
| Laħam tal bakra mgħolli | 3 | ,, |
| Laħam tal bakra mdaħħan | 5 | ,, |
| Laħam tal bakra mixŭi | 4 | ,, |
| Laħam tal bakra mokli | 4 | ,, |
| Laħam tal erħa (la ngliża) | 4 | 30 |
| Laħam tal erħa mgħolli | 4 | ,, |
| Laħam tal erħa mokli | 3 | 40 |
| Lift | 3 | ,, |
| Moħħ mokli | 1 | 45 |
| Muntun mgħolli | 3 | ,, |
| Muntun mixŭi | 3 | ,, |
| Papri grixtin mixŭija | 4 | 30 |
| Papri tad-djar mixŭija | 4 | 10 |
| Perżut | 3 | ,, |
| Pastizzi | 3 | ,, |
| Patata | 3 | 30 |
| Pitravi misjura | 3 | 45 |
| Ross mgħolli | 1 | ,, |
| Salamun frisc mgħolli | 1 | 35 |
| Salamun immellaħ | 4 | ,, |
| Sriedec grixtin mixŭija | 2 | 18 |
| Tapjoca misjura seŭŭa | 2 | ,, |

(*Jissocta*)

GIUSEPPE MIĊALLEF-GOGGI.

## L'AĦĦAR AĦBAR.

Żagħżuħ Spanjol spara tliet tiri ta rivolver ghar-Re ta Spanja. Ma laktux. Lakat iż-żiemel tieghu u firieħ. Fejn usalna!

